# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1162

Kaz Nru. 1402

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Clinton John Saliba

u

Methode Electronics (M) Ltd.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 28ta' Novembru, 2000.

**Chairman : Is-sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., C.I.P.D.(U.K.)**

**INTRODUZZJONI**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 28 ta' Dicembru, 1999 Ref. MSP/TI/100/99 biex tigi processata skond il-provedimenti ta' l-Artiklu 28 (2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-Sur Clinton John Saliba li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avukatessa Ilona Blackman u

ghall-Kumpanija Methode Electronics Malta Ltd. dehret Ms Margaret Quintano assistita mill-avukat Andrew Borg Cardona.

**DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ**

Fl-istqarrija tal-kaz tieghu l-appellant jghid li fid-29 ta' Ottubru 1999, waqt li kien qieghed fuq il-bank tax-xoghol tieghu resaq minn warajh is-Sur Bernard Camilleri li jokkupa il-grad ta' Stamp Tool Section Manager u qabadlu il-koxxa tal-lemin. L-appellant ikompli jghid li huwa nhasad u bil-hasda dar u tah zewg daqqiet fuq il-patata. Huwa jkompli jghid, li wara gimgha li gara dan il-kaz sejhietlu Ms Margaret Quintano li tokkupa l-grad ta' Human Resources Manager, Lilian Rodgers u Klaus Falzon fejn minn naha ta' l-appellant irrakonta dak li gara. Sussegwentament il-Management hariglu warning fejn huwa appellah.

L-appellant ikompli jghid li ftit wara huwa kellu accident bil-karozza u ma setghax jahdem. Minn hemm 'l quddiem il-kaz rega tqajjem u fit-30 ta' Novembru 1999 huwa mar max-shop steward tal-Union ghall-laqgha ma' Ms Margaret Quintano, Lilian Rodgers, Klaus Falzon u Patrick Farrugia fejn kemm l-appellant kif ukoll is-Sur Bernard Camilleri li kien il-persuna involuta regghu rrakontaw il-kaz. L-appellant ikompli jghid li l-Human Resources Manager emmnet lil Bernard Camilleri u dak inhar stess keccewh mill-post tax-xoghol.

Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet li t-tkeccija ta' l-appellant saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Hija tkompli tghid, li l-appellant kellu diversi twissijiet dwar imgieba mhux mistenni minnu. Fid-29 ta' Ottubru, 1999 kellu incident ma' superjur

tieghu meta kien hemm kuntatt fiziku apposta bejn l-appellant u s-superjur tieghu. L-appellant gie mwissi biex ma jirrepetix il-kuntatt, izda l-appellant sfida lis-superjur tieghu u rrepeta l-kuntatt.

Il-Kumpanija tkompli tghid li f'dawn ic-cirkostanzi, u tenut kont tat-twissijiet li ga kellu l-appellant, ma kienx possibbli illi l-appellant jinzamm fl-impjieg, stante illi kien wera illi ma ghandux rispett lejn l-awtorita' u ma kienx dispost illi jiehu kas tat-twissijiet li kien ga nghata.

**PROVI**

Matul is-seduti t-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebiti. Mix-xhieda ezaminata kien hemm xhieda konflingenti bejn l-appellant u l-persuna l-ohra involuta fl-incident is-Sur Benny Camilleri fejn dan jghid, li hassu offiz li l-appellant ipprova li jmisslu l-parti ta' quddiem u wara li widdbu biex ma jiccajtax b'dan il-mod l-appellant rega' mar minn wara Camilleri u misslu l-warrani. Is-Sur Camilleri kompla jghid li ghal dan informa lill-appellant li kien se jirrapurtah izda minkejja dan biex qiesu jiccalingjah u jisfida il-kelma tieghu rega' irrepeta dan ghat-tielet darba. Min naha ta' l-appellant fix-xhieda tieghu jghid li dak inhar ta' l-incident huwa kien fuq ix-xoghol tieghu u f'hin minnhom dahal is-Sur Bernard Camilleri u misslu in-naha ta' saqajh, fuq zaqqu in-naha tal-lemin u dak il-hin huwa dar u bil-hasda tah zewg daqqiet.
Matul is-seduti tat-Tribunal Industrijali gew imtella' xhieda ohra li ftit li xejn taw hjiel dwar dak li gara fl'incident ghajr dik ix-xhieda tas-Sur Joseph Schembri li jahdem bhala *Tool Maker* mal-Kumpanija u jokkupa wkoll

il-kariga ta' shopsteward tal-Union. Fix-xhieda tieghu is-Sur Schembri jghid " li fuq il-kaz naf li kien hemm Manager u irraporta lil Clinton illi misslu il-warrani u jiena indikajt il-kaz ghaliex gie Clinton jghidli u sibt li misslu il-warrani vera". Fix-xhieda tieghu is-Sur Schembri jkompli jghid li l-appellant gie moghti c-cans biex jiddefendi l-kaz tieghu quddiem il-Management u anki hu kien prezenti bhala shopsteward waqt dawn il-laqghat. Huwa jkompli jghid fix-xhieda tieghu li "gharbielt il-kaz peress li jiena ta' l-esperjenza inkun naf min ikun qieghed jigdeb u min ikun qieghed jghid il-verita, jiena rajt li Clinton ma kellux kaz fiha din il-bicca tax-xoghol ghax jiena la l-Manager ma rajtu qieghed jigdeb u lanqas il-haddiema. Jiena kien hemm haddiema li rawh u qaluli issa jiena bhala rapresentative ma nistax nghid kelma b'ohra quddiem il-Manager ghaliex jiena lanqas ma side u lanqas ma ohra ma ghandi fuq dan il-kaz imma fuq il-kaz ta' tkeccija ma kienitx fuq hekk jigifieri ahna skond l-agreement tal-union qeghdin illi wara tlett warnings jitkecca bniedem. Issa jiena bir-rispett kollu lejh kemm il-darba ghidtlu biex irabbi l-ghaqal, dan tawh cans one, two, three u anki four u five, jigifieri ma kienx hemm, b'hekk lanqas il-union ma dahlet fil-kaz ghaliex rat li *it was useless*".

KONSIDERAZZJONIJIET

Minkejja li l-appellant jinnega li volontarjament wettaq l-atti msemmija fl-akkuza kontra tieghu mill-Management, izda it-Tribunal Industrijali jiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda tas-Sur Joseph Schembri li jokkupa l-kariga mportanti ta' rapprezentant tal-haddiema fil-kariga ta' shopsteward tal-Union,fejn fix-xhieda tieghu bil-gurament

fil-waqt li kkonferma mill-investigazzjonijiet li wettaq li l-kaz sehh skond l-akkuza tal-Management, ikkonferma wkoll li l-appellant gie moghti ic-cans li jiddefendi l-kaz tieghu, kif ukoll li dan ma kienx l-ewwel kaz ta' dixxiplina li kellu l-appellant izda kien hemm diversi kazijiet ta' dixxiplina ohra u kull darba l-appellant gie moghti ic-cans mill-Management biex jirriforma l-imgieba tieghu. Izda, kif stqarr ix-shopsteward tal-Union, minkejja li l-appellant gie moghti diversi twissijiet huwa ma hax dawn l-opportunitajiet.

**DECIZJONI**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-iStatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, ikkunsidra s-Sottomissjonijiet Finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, li l-imgieba ta' l-appellant kienet timmerita li jittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront tieghu. Dan it-Tribunal Industrijali jiehu wkoll in konsiderazzjoni li dan ma kienx l-ewwel kaz ta' dixxiplina ta' l-appellant izda kien hemm sensiela ta' kazijiet ohra ta' dixxiplina u li repetetutament l-appellant gie mwissi biex ibiddel l-imgieba tieghu izda dan kien minghajr success. Ghaldaqstant in vista ta' dan, it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant Clinton John Saliba kienet ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 ( erbghin lira Maltin).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

**Harold Walls**
**CHAIRMAN**

**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**